

# Il-Kardinal Domenico Ferrata

## *- il-Legat tal-Papa fil-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali f'Malta fl-1913*

Kitba ta' Dr. Keith CILIA DEBONO
D.B.A.(Maastricht), M.Phil (Maastricht), M.B.A.(Henley), B.Sc. (Maths & Computing)

Is-sena d-dieħla ser taħbat il-mitt sena minn mindu sar l-XXIV Kungress Ewkaristiku Internazzjonali f'Malta. Dan l-avveniment għandu tifsira ikbar fil-każ tagħna l-Mostin, meta wieħed iqis li r-Rotunda tagħna ntgħażlet għaċ-ċerimonja tal-ftuħ u għall-Pontifikal tal-għeluq tal-Kungress.

Ta' min jgħid illi l-għażla tal-knisja tal-Mosta ngħatat prominenza minn ġurnali influwenti barranin. Il-gazzetta *'The New York Times'*, fit-23 t'April 1914, qalet li l-għażla tal-knisja tal-Mosta kienet sorpriża billi kien hemm knejjes qodma l-ġmiel tagħhom fil-Belt Valletta kif ukoll il-Katidral sabiħ tal-Imdina; iżda l-knisja tal-Mosta, li kienet inbniet min-nies tar-raħal fis-seklu ta' qabel, ma kienet xejn anqas tal-għaġeb fil-bini tagħha.

### Il-Kungressi Ewkaristiċi

Il-ħsieb dwar Kungressi Ewkaristiċi jaf il-bidu tiegħu lil mara twajba Franċiża Emilie Tamisier (1834-1910). Kienet hi li bdiet torganizza laqgħat ta' talb u pellegrinaġġi lis-Sagrament Imqaddes. Fis-sena 1881, l-Isqof Gaston de Segur, bil-barka tal-Papa Ljun XIII, sejjaħ l-ewwel laqgħa ta' nsara (kjeriċi u lajċi) f'Lille bil-għan li jagħtu qima lil Ġesù Ewkaristija u biex ixerrdu din il-qima mad-dinja kollha. Dawn il-laqgħat ma damux ma ħadu xejra internazzjonali. Bi tħejjija għall-Kungress ta' dik is-sena f'Lille, twaqqaf bl-approvazzjoni tal-Papa Ljun XIII, Kumitat Permanenti fil-Vatikan bil-għan li jieħu ħsieb dawn il-laqgħat internazzjonali. L-ewwel President ta' dan il-Kumitat kien l-Isqof de Segur. L-istatut ta' dan il-Kumitat iġġedded fl-1986 mill-Papa Ġwanni Pawlu II u beda jissejjaħ 'Pontifiċju'. Fil-Kungress Ewkaristiku li sar fil-belt ta' Madrid fi Spanja fl-1911, Emilie Tamisier issejħet 'Il-Ġovanna d'Arco tal-Ewkaristija'.

### Il-Kungress Ewkaristiku f'Malta

Fl-1913 il-Kumitat Permanenti, fuq suġġeriment tal-Kardinal Francis Bourne, iddeċieda li jsejjaħ il-Kungress fil-gżira ta' Malta. Il-Kardinal Bourne kien żar Malta qabel u kien baqa' mpressjonat bil-fidi ħajja tal-Maltin. Il-President tal-Kumitat Permanenti tal-Vatikan dwar il-Kungressi Internazzjonali dak iż-żmien kien l-Arċisqof Heylen. Il-Papa Piju X innomina lill-Kardinal Domenico Ferrata bħala l-Legat tiegħu għall-Kungress li kellu jsir Malta.

### Il-Kardinal Ferrata fil-ftuħ tal-Kungress fil-Mosta

Il-ftuħ tal-Kungress sar fil-25 t'April 1913, fil-knisja Rotunda tal-Mosta. L-Isqof Awżiljari ta' Malta, Mons. Angelo Portelli, tal-Ordni Dumnikan, qagħad fuq iz-zuntier tal-knisja jilqa' f'isem l-Arċisqof Mons. Pietru Pace lil-Legat tal-Papa, il-Kardinal Ferrata. Il-Kardinal Ferrata kien akkumpanjat mill-Kardinali Nava[1] u Lualdi[2]. Fl-indirizz tal-ftuħ il-Kardinal Legat semma' fost ħwejjeġ oħrajn:

"il-ħeġġa w it-twemmin tal-Maltin kollha, is-safa waħdanija tad-drawwiet tagħhom, il-fedeltà qatt nieqsa tagħha lejn il-Papat, il-ġibda tal-qalb lejn Ġesù Sagramentat. Dan wirt għażiż li huma qalgħu mill-Appostlu Pawlu..."

L-Isqof Pietru Pace wieġeb għal dan l-indirizz billi fost ħwejjeġ oħra afferma l-lealtà tal-Maltin lejn l-awtorità tal-Papa u l-imħabba tagħhom lejn Ġesù Sagramentat. Patri Dumink Azzopardi O.P., li kien preżenti għal din il-laqgħa u li kiteb dwarha fil-ktieb tiegħu 'Kungress Ewkaristiku Internazzjonali f'Malta' jirrakkonta kif dawn id-diskorsi ntlaqgħu b'ċapċip kbir mill-mistednin. Fl-indirizz tiegħu, l-Isqof Awżiljari li kien ukoll dak li mexxa l-Kumitat Organizzativ li ħa ħsieb it-tħejjijiet għall-Kungress, saħaq fuq ir-rabta ta' Malta bil-ġrajjiet tagħha (li baqgħu msemmija mad-dinja) mal-Fidi Nisranija u mal-wirt li ħallielna l-Appostlu San Pawl - (Azzopardi, 1913, 91-97).



Il-Kardinal Domenico Ferrata (1847- 1914).

### Il-Kardinal Ferrata f'Bormla tmien snin qabel

Il-Kungress Ewkaristiku tal-1913 ma kienx l-ewwel żjara f'Malta tal-Kardinal. Fis-sena 1905 il-Papa Piju X kien bagħtu bħala Legat tiegħu għaċ-ċelebrazzjoni tal-ħamsin sena mid-Domma tal-Kunċizzjoni Immakulata. F'dik l-okkażjoni huwa kien poġġa kuruna fuq ras il-Madonna fil-kwadru tal-Kor tal-knisja kolleġġjata ta' Bormla.

Ta' min jgħid illi dan il-kwadru tal-Kunċizzjoni, jiġbed lejh devozzjoni kbira u jitqies bħala profetiku. It-tpinġija

tal-kwadru saret fl-1828 minn Pietru Pawl Caruana fuq ispirazzjoni tal-Kanonku twajjeb Bormliż, Mons. Ludovik Mifsud Tommasi. Kontra kull tradizzjoni sagra - ta' kif sa dak iż-żmien il-Kunċizzjoni kienet tiġi tintwera mlibbsa fil-pittura - Mons. Mifsud Tommasi xtaq li x-xbieha tal-Madonna jkollha libsa bajda u faxxa kaħla. Dan kien tletin sena qabel, dik li fiha Bernardette Soubirous rat lil Marija Immakulata bl-istess libsa ġol-grotta ta' Lourdes (Serracino, 2007). Interessanti li wieħed ikun jaf ukoll li l-Kardinal Ferrata kien ta spinta qawwija lill-Kawża tal-Kanonizzazzjoni ta' Bernardette Soubirous li fil-bidu tagħha kienet taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu. Bernadette Soubirous kienet iddikjarata Venerabbli mill-Papa Piju X, fl-1925 kienet dikjarata Beata u fl-aħħar nett dikjarata qaddisa mill-Papa Piju XI fl-1933.

## Min kien il-Kardinal Ferrata

Il-Kardinal Domenico Ferrata twieled fi Gradioli, qrib Viterbo, fl-Italja, fl-4 ta' Marzu 1847 u kien ikkonsagrat qassis fit-18 ta' Settembru, 1869. Fl-1885 kien ikkonsagrat isqof u l-Papa Ljun XIII bagħtu bħala Nunzju fil-Belġju u fi Franza fl-1891. F'April 1889 il-Papa Ljun XIII ħatru Segretarju tal-Kongregazzjoni (tal-Vatikan) għall-Affarijiet Ekklesjastiċi Straordinarji u fil-Konċistorju tal-1896 għollieh għall-grad ta' Kardinal. Huwa kompla serva f'diversi Kongregazzjonijiet tas-Santa Sede, fosthom bħalha Prefett tal-Kongregazzjoni tar-Riti fl-1900. Apparti l-ħafna xogħol li huwa wettaq f'dan il-perjodu fil-kawża ta' Bernardette Soubirous, huwa jissemma' wkoll għall-ħidma tiegħu b'risq Santa Ġovanna d'Arco (l-eroina nazzjonali ta' Franza tas-seklu ħmistax), kif ukoll b'risq il-Martri tal-Uganda. Il-Kardinal Ferrata kien partikolarment jieħu interess fil-Missjonijiet (Fagioli Vercellone, 1996).


Il-Kardinal Ferrata fl-1896.

Meta f'Diċembru 1913 miet il-Kardinal Rampolla, il-Papa Piju X ħatru Segretarju tal-Ogħla Kongregazjoni tas-Sagru Uffiċju. Huwa kien jokkupa din il-kariga meta l-istess Papa bagħtu Malta bħala Legat għall-Kungress Ewkaristiku. Is-Segretarju tal-Istat tal-Vatikan dak iż-żmien kien il-Kardinal Rafel Merry del Val.

Meta l-Papa għażel lill-Kardinal Ferrata biex ikun il-Legat tiegħu għall-Kungress ta' Malta, huwa bagħtilna wieħed mill-aqwa prelati u amministraturi tal-Vatikan. Wara s-Segretarju tal-Istat (li dak iż-żmien kien il-Kardinal Merry del Val) il-Kardinal Ferrata kien jokkupa l-ogħla karigi fil-Knisja. Difatti, korrispondent ta' *'The New York Times'* tat-23 t'Awwissu 1914, kiteb hekk: *"Cardinal Ferrata combines in an altogether remarkable degree the qualities of a man of the world, in the best sense of the word, with those of a real and sincere priest"*.

Barra minn dan, Amedeo Galati di Riella, li kien jafu personalment, ifaħħar mhux biss il-ħila diplomatika tal-Kardinal Ferrata, iżda wkoll l-għerf tiegħu fit-tagħlim tad-Duttrina, il-moħħ kalm u jilħaqlu kif ukoll id-dedikazzjoni tiegħu għall-ħidma fix-xogħol tiegħu. Galati di Riella jkompli jgħid li l-ebda problema moderna ma kienet barranija għalih. Huwa jqabbel l-arti u x-xjenza ma' gwarniċ li jinkwatra fih it-tjubija tal-Kardinal li kienet tidher fil-ġenwinità ta' għemilu, kif ukoll fis-sinċerità tal-ħsieb tiegħu teoloġiku.

## Pubblikazzjonijiet tal-Kardinal Ferrata


CARDINAL DOMINIQUE FERRATA

MÉMOIRES

MA NONCIATURE EN FRANCE

Waħda mill-pubblikazzjonijiet imsemmija tal-Kardinal Ferrata.

Fl-1910 f'Ruma, il-Kardinal Ferrata ppubblika ktieb bl-isem ta' *'Discorsi del Cardinale Domenico Ferrata'*, li jdomm fih diskorsi li huwa kien għamel u li żamm kopja tagħhom. Fosthom hemm dawk li kienu saru fil-Kungress Ewkaristiku f'Malta. Il-Kardinal ħalla wkoll għadd ta' dokumenti bil-Franċiż li ġew ippubblikati wara mewtu f'Ruma minn ħuh, Nazzareno, fl-1920 fi tliet volumi, bit-titlu *'Memoires'*. Dawn jiġbru fihom ħidmiet diplomatiċi li għadda minnhom meta kien Nunzju u li ġew ippubblikati fuq xewqa tal-Papa Benedittu XV li xtaq isaħħaħ ir-relazzjoni diplomatika bejn is-Santa Sede u Franza. Fl-1922 f'Pariġi, inħarġet verżjoni iqsar ta' dawn it-tliet volumi bit-titlu *'Ma nonciature en France'*. Meta jirreferi għal dawn il-pubblikazzjonijiet, Guido Fagioli Vercellone (1996) itenni l-ħidma delikata ħafna li għadda minnha l-Kardinal Ferrata bejn is-Santa Sede u Franza fi żmien meta r-relazzjonijiet bejn iż-żewġ stati ma kienux fl-aħjar tagħhom:

"Dawn il-kitbiet huma għejjun ta' interess kbir dwar il-ġrajja tad-diplomazija tal-Vatikan kif ukoll dik ta' Franza u tal-Belġju, miktubin bi stil ċar u li jintgħoġob u b'mod favorevoli u seren, għalkemm kultant jagħti xi ħjiel ta' apoloġija, għalkemm b'mod diskret ħafna, dwar l-operat u l-għażliet politiċi tas-Santa Sede, li hu kellu sehem fihom. Madankollu huwa żgur li dawn il-kitbiet ma jistgħux ifissru is-seħer tal-laqgħat u l-ħlewwa ta' manjieri li kienu jagħtu xhieda tagħhom dawk li kienu jafuh mill-qrib".

## Milqugħ tajjeb mill-Maltin għall-Kungress

Interessanti hija deskrizzjoni li ħalla ċertu barrani, Amadeo Galati, kemm fuq il-merħba kbira li l-Maltin għamlu lill-Kardinal meta wasal fil-gżira kif ukoll it-




Ritratt tal-Konklavi meħud mill-artiklu msemmi ta' 'The New York Times', tat-23 t'Awwissu, 1914.



Il-ħatra tal-Papa Benedittu XV f'Settembru 1914.

tislima li tawh qabel telaq. Huwa jsemmi kif il-Maltin laqgħu lill-Kardinal bid-daqq ferrieħi tal-qniepen li tħallat mad-daqq tas-sireni tal-vapuri ankrati u mal-kant ta' madwar għaxar t'elef adolexxent. Aktar lura huwa jiddeskrivi ċ-ċerimonja tat-tluq, minn fuq is-swar tal-Belt Valletta. Fiċ-ċerimonja tal-għeluq il-Kardinal Legat, b'ġest simboliku, bierek il-Port il-Kbir minn fuq is-swar tal-Belt Valletta qabel ma mbagħad niżel id-Dwana minfejn imbarka fuq il-vapur li ħadu lura lejn l-Italja. Galati (1914) jgħaddi kumment dwar kif il-Kardinal bierek il-baħar li miegħu tmiss (ukoll) l-Italja u jistħajjel li huwa ħares 'il fuq lejn kewkbet il-baħar ('stella polaris' tal-baħħara) 'illum bħala Kardinal u għada bħala Papa'!

## Kien mistenni jintgħażel Papa

Il-Papa Piju X miet bla mistenni ftit wara l-għeluq tal-Kungress. Kien hawn min kien qiegħed jistenna li l-Kardinal Ferrata jintgħażel suċċessur tiegħu. Fit-23 t'Awwissu 1914, korrispondent ta' 'The New York Times' kiteb hekk dwaru:

"Huwa ġej minn Viterbo, belt li tat lill-Vatikan għadd kbir ta' diplomatiċi ta' ħila. Ir-Rumani jqisuh wieħed minnhom. Huwa magħdud bħala wieħed min-Nunzji li l-aktar għamel suċċess matul ir-renju tal-Papa Ljun III. Huwa għandu karattru konċiljattiv u rnexxielu jwitti diffikultajiet kif ukoll ixejjen l-oppożizzjoni (lis-Santa Sede) fid-diversi kapitali fejn kien mibgħut jaħdem".

Il-Kardinal Ferrata ta bidu għall-Konklavi fil-31 t'Awwissu 1914, biċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa tal-Ispirtu S-Santu fil-Kappella Pawlina. Iżda x-xewqat ta' dawk li riedu jarawh Papa ma seħħux. Fil-Konklavi ntgħażel il-Kardinal Giacomo della Chiesa, Arċisqof ta' Bologna, li ħa l-isem ta' Papa Benedittu XV.

## Il-mewt tal-Kardinal Domenico Ferrata

Il-Papa l-ġdid għażel lill-Kardinal Ferrata biex jieħu post il-Kardinal Merry del Val bħala Segretarju tal-Istat tal-Vatikan. Iżda b'xorti ħażina l-Kardinal Ferrata ma damx jokkupa din il-ħatra importanti, għaliex miet madwar xahar wara, fl-10 t'Ottubru, 1914. Jingħad li l-aħħar kelmiet li lissen il-Kardinal, li baqa' f'sensih sal-aħħar, kienu "Inħossni għajjien ħafna. Sejjer niltaqa' mas-Salvatur tiegħi".

Fuq xewqa tiegħu stess, il-Kardinal indifen fiċ-ċimiterju ta' raħal twelidu, Gradjoli, fejn inbena ma... nsulew ad unur tiegħu.

Il-karigi għoljin li kien jokkupa l-Kardinal Ferrata fil-Vatikan juru r-rispett kbir li kien igawdi mill-ogħla awtoritajiet tal-Knisja. Jixhed kemm huwa kien magħruf għall-ħila tiegħu fil-qasam diplomatiku, ir-rapport ta' '' 'New York Times' tal-4 ta' Settembru 1914, fl-okkażjoni tal-ħatra tiegħu bħala Segretarju tal-Istat tal-Vatikan. Dan ir-rapport ta' ġurnal; influwenti fid-dinja Nisranija juri l-għarfien u l-qima li dan il-persunaġġ ekklesjastiku kellu mhux biss mill-Kattoliċi iżda wkoll mill-Insara Protestanti madwar id-dinja.

***Riferenzi***

*Adams, John Paul, Sede Vacante 1914, 8 ta' Mejju 2010, http://www.csun.edu/-hcfll004/Sv1914.html*

Azzopardi, Domenico, O.P. L-XXIV Kungress Ewkaristiku Internazzjonali f'Malta, Malta, (1913);

Fagioli Vercellone, Guido. Dizionario Biografico degli Italiani, Domenico Ferrata, 46 (1996) http://www.treccani.it/enciclopedia/domenico-ferrata_(Dizionario-Biografico)/

Galati di Riella, Amedeo. Alcuni uomini Politici del mio tempo, Firenze B Seeber, 107-109,(1914), http://www.archive.org/stream/alcuniuominipoli00gala#page/n7/mode/2up

Miranda, Salvador. The Cardinals of the Holy Roman Church -



Ritratt uffiċjali tal-Kardinal Domenico Ferrata.

Biographical Dictionary - Pope Leo XIII (1878-1903) Consistory of June 22, 1896 (XXII). (Jirreferu għal: Daniel, Charles; Paul-Marie Baumgarten; Antoine de Waal. Rome; le chef supreme l'organisation et l'administration centrale de l'eglise. Pariġi : Plon, 1900,154-156; Salotti, Carlo. L'opera diplomatica e sacerdotale del cardinale Ferrata. Ruma. 1915). http://www2.fiu.edu/Ċmirandas/bios1896.htm

Serracino, Joseph. 'Il-Kwadru Titulari tal-Kunċizzjoni ta' Bormla', Parroċċa Kolleġġjata ta' Marija Immakulata, Bormla, (2007), http://www.cospicuaparish.org.mt/articles_2007_Serracino_KwadruTitulari.asp

The New York Times, Eucharistic Congress: Cardinal Ferrata, Pope's Legate, Speaks on Malta's Religious History, 24 t'April 1913, http://query.nytimes.com/mem/archive-free/pdf?res=9C03E4DA173FE633A25757C2A9629C946296D6CF

The New York Times, Who will be the successor of Pope Pius X? 23 t'Awwissu 1914, http://query.nytimes.com/mem/archive-free/pdf?res=9C02E4DB173FE633A25750C1A9629C946296D6CF

The New York Times, Papal State Secretary: The Pope Appoints Cardinal Ferrata, an Able Diplomat, 4 ta' Settembru 1914, http://query.nytimes.com/mem/archive-free/pdf?res=9C07E2D8143AE633A25756C0A96F9C946596D6CF

***Referenzi:***

[1] ***Giuseppe Francica-Nava de Bontifè*** *(1846-1928) kien l-Arċisqof ta' Catania (fi Sqallija) bejn is-snin 1895-1928. Huwa kien maħtur Kardinal fl-1899.*

[2] ***Alessandro Lualdi*** *(1858-1927) twieled Milan. Huwa kien maħtur Arċisqof ta' Palermo fl-1904 u kien jokkupa din il-kariga fi żmien il-Kungress Ewkaristiku ta' Malta. Il-Papa ħatru Kardinal fl-1907. Huwa miet fl-1927 u jinsab midfun fil-Katidral Metropolita ta' Palermo.*

SURPLUS & ADVENTURE™
EQUIPMENT STORE

BONAVIA BROS Co. Ltd
Excavating, Rock Cutting Works & Plant Hiring
Emanuel Bonavia
Director
St Joseph, Triq id-Difiża Ċivili,
Tarġa Gap Mosta - Malta
Tel: 21 419 477 • Mobile: 7949 2450, 7939 2138
Fax: 21 438 875 • E-mail: bonbros@maltanet.net